Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

Investimenti fin-Negozju 2025

Statistika Strutturali tan-Negozju

KORRISPONDENZA KUNFIDENZJALI KWESTJONARJU | **MALTI**

	L-isem tan-negozju:
	Numru tal-bieb:
	Indirizz:
	Triq:
	Lokalità: / Kodiċi Postali:

Imla biss jekk id-dettalji ta' fuq ix-xellug m'humiex korretti

Dettalji tal-persuna li qed timla l-kwestjonarju		
Isem u kunjom:		
Imejl:		
Telefown/Mobajl:		Data:

Għażiż Sinjur/Sinjura

Skont l-Att XXIV tal-Awtorita' tal-Istatistika ta' Malta, inti ġentilment mitlub timla' din il-formola dwar in-negozju msemmi għas-sena referenza **2025**. Inti mitlub li tagħmel dan sa mhux iktar tard mil-**31 ta' Diċembru 2026**. Tista' wkoll tibgħat kopja elettronika tal-formola kompluta permezz ta' imejl fuq **business.nso@gov.mt**. Jekk jogħġbok ikkwota n-numru tar-referenza f'kull korrispondenza. Nħeġġuk li żżomm kopja tal-formola kompluta għall-interessi tiegħek. It-tagħrif li jingħata f'din il-formola jinżamm kunfidenzjali u jintuża biss għal skopijiet ta' statistika.

Grazzi bil-quddiem għall-koperazzjoni tiegħek.

Sezzjoni A: Attività prinċipali	
Imla biss jekk id-deskrizzjoni ta' l-attività msemmija m'hijiex korretta	

Sezzjoni B: Impjegati (definizzjonijiet jinstabu fil-paġna li jmiss)	**Fuq bażi *'Full-time'***	**Fuq bażi *'Part-time'***
B1. Membri tal-familja li ma jingħatawx paga (inklużi s-sidien)		
B2. Numru ta' impjegati		
B3. Numru ta' sigħat maħduma mill-impjegati msemmija f' B2		**sigħat**

Sezzjoni Ċ: Investimenti matul is-sena 2025 (definizzjonijiet jinstabu fil-paġna li jmiss)	**Żidiet €**	**Bejgħ €**
Ċ1. Artijiet		
Ċ2. Bini eżistenti		
Ċ3. Bini ġdid jew tranġar ta' bini eżistenti		
Ċ4. Makkinarju, inġenji jew vetturi		
Ċ5. *Software* mixtri (mhux żviluppat mil-intrapriża)		
Ċ6. Drittijiet ta' l-awtur, *trademarks*, konċessjonijiet u drittijiet simili		
Ċ7. Produzzjoni kapitalizzata		

Sezzjoni B

Membri tal-familja li ma jingħatawx paga / Numru ta' impjegati
Membri tal-familja li ma jingħatawx paga huma membri tal-familja li jgħinu lis-sid fit-tmexxija tan-negozju, mingħajr ma jingħataw paga u li jgħixu fl-istess indirizz residenzjali tas-sid. Eżempju: Mara li tgħin lil żewġha fit-tmexxija tal-ħanut tal-merċa mingħajr kuntratt tax-xogħol.

In-numru ta' impjegati jirreferi għal persuni li jaħdmu ġo negozju b'kuntratt tax-xogħol u li jitħallsu paga regolari kif miftiehem.

Numru ta' sieġħat maħduma mill-impjegati
Sieġħat maħduma minn impjegati taħt kuntratt tax-xogħol, esklużi sieġħat maħduma mis-sid jew minn membri tal-familja li ma jingħatawx paga.

Sezzjoni Ċ

Artijiet/ Bini eżistenti
Jekk l-art ġiet akkwistata ma' bini eżistenti u l-valur tat-tnejn ma jistax jiġi sseparat, l-ammont totali għandu jitniżżel taħt il-kategorija li tirrapreżenta l-għola valur mit-tnejn. Eżempju: Jekk il-valur ta' l-art kif stmat jaqbeż lil dak tal-bini eżistenti, il-valur ta' dan l-investiment għandu jitniżżel taħt "Artijiet". Kuntrarjament, jekk il-valur stmat tal-bini eżistenti jaqbeż lil dak ta' l-art, il-valur ta' dan l-investiment għandu jitniżżel taħt "Bini eżistenti".

Bini ġdid jew tranġar ta' bini eżistenti
Taħt "Bini ġdid" għandhom jitniżżlu żidiet ta' bini li għadu kemm tlesta mill-kostruzzjoni tiegħu. "Tranġar ta' bini eżistenti" jinkludi installazzjoni ta' sistemi t' arja kkondizzjonata, dawl, ilma, sħana ċentralizzata u installazzjonijiet oħrajn ta' natura permanenti.

Makkinarju, inġenji jew vetturi
F'din il-kategorija għandhom jitniżżlu żidiet ta' makkinarju, inġenji jew vetturi li jgħinu direttament fl-operat tan-negozju. Eżempji: Xiri ta' karozza jew vann biex ikun jista' jitqassam ix-xogħol lill-klijenti, xiri ta' magna li tqatta' l-laħam minn sid ta' ħanut tal-laħam, xiri ta' friżers għal ġo ħanut tal-merċa.

***Software* mixtri (mhux żviluppat mil-intrapriża)**
F'din il-kategorija għandu jitniżżel xiri ta' *software* li ma ġiex żviluppat internament mill-intrapriża. L-intenzjoni ta' dan is-*software* għandha tkun biex tgħin b'mod dirett l-operat tan-negozju. Tiġdid ta' abbonimenti ta' liċenzji ta' *software* eżistenti ma jitniżżlux hawnhekk. Eżempju: Xiri ta' sistema ġdida biex jinżamm rendikont ta' stokk.

Drittijiet ta' l-awtur, Trademarks, Konċessjonijiet u drittijiet simili
Din il-kategorija tirreferi għal investimenti relatati ma' drittijiet legali biex jintuża prodott li ġie żviluppat minn xi persuna/ negozju ieħor.

Produzzjoni Kapitalizzata
Hawnhekk għandu jitniżżel investiment li sar fuq prodotti li ġew żviluppati internament min-negozju biex jintużaw mill-istess negozju. Eżempju: *Software* żviluppat min-negozju biex jinżamm u jintuża mill-istess negozju jew fabbrika li timmanifattura l-għamara, żviluppat għamara ta' uffiċju għall-użu ta' l-istess negozju.